**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

24 **ta' Novembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 21 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **23.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **23.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 23.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 21 u l-minuti tal-laqgħa numru 22 li kienet laqgħa b'urġenza tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 23.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 21 u l-minuti tas-seduta 22, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 21 u il-minuti 22 ġew approvati mil-kunsillier Malcolm Gatt u ġew issekondti mill Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **23.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 23.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar il-proġett ta' Pjazza 4 ta' Settembru li dan huwa lest u għalhekk l-Pjazza ser tiġi inawgurata fl-4 ta' Diċembru fejn ser ikun mistieden il-Ministru Dr. Jose Herrera u l-Arċipriet il-Kanonku Fr. Robin Camilleri, il-President tar-Reġjun is-Sur Pawlu Farrugia kif ukoll il-President tal-Assaċċazzjoni s-Sur Mario Fava. Is-Sinkdu spjega lil kunsilliera li ser jintwera filmat qasir dwar l-istorja tal-Pjazza 4 ta' Settembru. Il-Kunsilliera flimkien mas-segretarju tal-Kunsill huma mistiedna għal din l-okkażżjoni. |
| 23.03.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera dwar Tender :<br>*RESTORATION WORKS PORTO SALVO NICHE, ISLA*<br>*ISLC/T/4/20* għall din it-tender tefgħu l-prezz għall dan ix-xogħol tlett kuntratturi. L-Evalwaturi raw li kollha kellhom it-teknika tajba għalhekk marru fuq l-aħjar prezz li kien ta' Stefano Ferrazza għall prezz ta €5000. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti il-prezzijiet li iddikjaraw fuq l-epps il-kuntratturi: Stefano Sferazzo tefa' l-prezz ta' €5000.00, Pisani Restoration tefa' l-prezz ta €6,300 u Agius Stone Works Ltd tefa l-prezz ta' €7980.00. Il-Kunsilliera preżenti approvaw id-deċiżżjoni tal-evalwaturi. |

| | |
|---|---|
| 23.03.03 | Is-Segretaju Eżeuttiv spjegat lil kunsilliera li jekk ser jibqa' jinġabar aktar terrapin il-kontijiet tal-Bulky Refuse qed ikun ħafna aktar milli kif kien fil-budget. It-terrapin qed itella' ħafna spejjeż għahekk hemm bżonn li jieħdu deċiżjoni li min għandu terrapin x'jarmi iġib skip jew ineklla jekk ikollu ftit imur jidisponi minnhom personalment. Il-Kunsilliera qablu ma dan pero fl-istess ħin ma jistgħux iħallu t-terrapin li jkun qiegħed barra. Dan ser jinġabar iżda min jinqabad jarmi dan it-terrapin u bħal kull skart ieħor jiġi immultat. |
| 23.03.04 | Is- Segretarju Eżekuttiv preżentat il-perfomance bonus ta' l-iskrivana Rita Baldacchino u l-kunsilliera qablu li ser tingħata il-massimu tal-persentaġġ tal-performance bonus. |
| 23.03.05 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li x-xogħol fuq is-siġar u l-pjanti ser jinbeda mill-kuntrattur Alistair Bezzina u li s-Sinj. Anna Spiteri flimkien mas-segretarju eżekuttiv marru sabiex jaraw fuq il-post mal-muntrattur x'tip ta' pjanti ser jiġu imħawla skond it-tender kif ukoll il-ħawt kbir li hemm fi Triq il-Ponta irrid. Jinqala' u jinbena mill-ġdid sabiex ikun hemm xogħol tajjeb. Dawn il-ħawtijiet kbar mhux qegħdin imniżżla fit-tender għalhekk ser tintalab kwotazzjoni għal dan ix-xogħol. |
| 23.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti sabiex għal żmien il-Milied jinxtraw rigal lil anzjani bħal ma kienu jagħmlu kull sena għall kemm din id-darba mhux ser issir il-festin għall anzjani u għat-tfal bħas-sena l-oħra. Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li għal dawn l-ispejjeż il-Palumbo Ship Repair Yard ta' donazjoni ta' €2000 u Sheer Bastion ta' donazzjoni ta' €200. Il-Kunsilliera qablu li dawn l-ispejjeż jiġu imħallsa minn din id-donazzjoni. |
| 23.03.07 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti sabiex jinħadem monument ta' La Sengle' u jiġi imqiegħed wara li jkun tlesta l-proġett tad-daħla tal-Isla għalhekk ser jitlob sejħa għal interess. Dan il-proġett ser jiġi diskuss mal-GHRC. |
| 23.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera bl-imejl li bagħat lis-Sur Ramon Deguara fejn irringrazja lis-Sur Ramon Deguara, tax-xogħol siwi li qed tagħmel fil-lokalita' tal-Isla. Ir-residenti huma kuntenti ħafna bis-servizzi li toffri mid-dipartiment tiegħek. Il-Kunsill xtaq li jagħmel talba lid-dipartiment tiegħek għall żewġ bins. Is-Sur Deguara bagħat fil-pront lis-Sur Clive li d-dipartiment ser jagħti żewġ bins għal din il-Pjazza kif jixraq. |
| 23.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-avukat tal-kunsill attendiet għall-appell *A/06285/19 Document - (182a) First report [Valid] - DocumentID - 9746437 - Document Dated - 24/09/2020* Fit-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar PA6285/19 PAB122/20 li ġiet deferita. |

| | |
|---|---|
| 23.03.10 | Is-Sinkdu ikkomunika mal-kunsillierali fl-24 ta Novembru il-Kunsill irċieva imejl minn għand is-Sur Noel Zahra Ghaziz Clive,<br><br>Fejn ghamlu spezzjoni fuq il-belisha lights fil-lokalita ta' l-Isla.<br>Hemm dawn il-ħsarat:-<br>Floodlight ma tixgħielx in-naha tal-bini, magenb il-gabbana.<br>Floodlight ma tixgħielx in-naha tal-bahar magenb il-grotta tal Madonna.<br>Lampa ħażina n-naħa tal-baħar maġenb il-klabb tar-regatta.<br><br>Biex jirranġaw dawn il-ħsarat għandhom bżonn:-<br><br>2 floodlights LED daylight 30watts.<br>2 small junction boxes ip68 waterproof<br>1 lamp LED daylight 10watts E27<br>1 ceramic holder E27<br><br>Il-Kunsill xtara dan l-apparat u ser jiġu irranġati mid-dipartiment MTIP-PWD (MSD) |
| 23.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta t'Otturbu2020 lil kunsilliera li bagħtet is-Sinj Antonella Galea tar-Reġjun Xlokk permezz ta' imejl fl-24 ta' Novembru 2020. |
| 23.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti dwar imejl mibgħuta mir-Reġjun Xlokk dwar SKEMA MIR-REĠJUN XLOKK - TIŻJIN FIL-LOKALITAJIET GĦAL ŻMIEN IL-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA 2020 - RIMBORS TA' €1000 wara li jsir il-pagament is-segretarju eżekuttiv għandha tippreżenta l-invoice u l-payment voucher, irċevuta kif ukoll xi ritratti. |
| 23.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Jean Paul u s-sinjorina Claire mill FSWS sabiex jekk hemm xi inizjattivi tal-kunsill li fihom jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom il-kunsill għandu javviċinhom sabiex jinstab mod kif niltaqgħu u niddiskutu kif jista' jkun hemm għajnuna lil min hu fil-bżonn |
| 23.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet għall l-ewwel laqgħa onlajn ma l-EURADA TEAM fl-24 ta' Novembru 2020 Working Group of Smart Heritage Cities fejn ġie diskuss kif wieħed jista jutiliża enerġija alternattiva anke fi Bliet u rħula li għandhom storja u kultura. |
| 23.03.15 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li flimkien mas-segretarju eżekuttiv attendew onlajn mas-Sinj. Lynn Spiteri mill-Meusac dwar kif il-kunsill jista jġieb fondi biex issir stair lift għas-sala tal-kunsill, iżda dan jista jsir biss jekk il-kunsill ikun marbut li jsostni programm għall |

| | |
|---|---|
| | ħames snin konsekuttivi wara li jkunu ingħataw il-fondi. Is-Sinjorina irrispondietna b'dan il-mod:<br><br>B'segwitu għal-laqgħa li kelna iktar kmieni llum, hemm diversi interventi li l-Kunsill jista' jinkludi fil-proposta tiegħu taħt is-sejħa tal-SGS. Bħal ma ddiskutejna, is-sejħa għadha ma fetħitx u għaldaqstant m'għandniex f'idejna l-linji gwida tas-sejħa bl-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' eliġibiltà.<br><br>Minkejja dan, jekk il-parametri jibqgħu l-istess, interventi kemm strutturali kif ukoll soċjali li jibbenifikaw persuni f'faqar jew f'riskju ta' faqar huma eliġibbli. Dawn jinkludu interventi ta' aċċessibiltà bħal *stairlift*, tisbieħ u attrezzar ta' sala ta' lqugħ għall-anzjani kif ukoll provvediment ta' servizzji bħal immaniġġjar finanzjarju għall-familji u għajnuna bil-homework għat-tfal. Waqt il-laqgħa tagħna iddiskutejna wkoll investiment f'*computar lab* għall-Kunsill.<br><br>Infakkarkom li għal interventi strutturali bħall-installazzjoni ta' *stairlift* tridu il-permess tas-sid tal-binja. Ladarba qedin tapplikaw għall-fondi ikolkom bżonn ukoll tippreżentaw il-korrispondenza mal-Awtorità tal-Ippjanar li turi li m'għandkomx bżonn permessi, jew inkella il-korrispondenza li turi li beda l-proċess għall-ksib tal-permessi, skond il-każ. |
| 23.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv iddiskutiet mal-kunsilliera li bagħtet imejl fis-16 ta' Novembru lid-dipartimenti ikkonżernati kollha dwar il-boroż il-grizi u l-kuntratt tal-ġabra tar-reċiklaġġ fejn qalet li l-aħħar imejl li kienet bagħtet is-segretarju eżekuttiv tal-Isla kienet fit-28 t' Awissu 2020 iżda l-Kunsill Lokali tal-Isla għadu mingħajr kuntrattur għal ġabra tal-borża l-griża, konsegwenza ta' dan il-kunsill lokali tal-Isla m'għandux konsenji ta' boroż tar-reċiklaġġ. Għaddew sitt xhur u r-residenti qed jistennew il-boroż il-ħodor sabiex ikomplu jirreċiklaw. Il-Kunsill kien diġa għadda minn din l-esperjenza għalhekk il-kunsill għandu bżonn l-għajnuna tagħkom biex inkomplu nħeġġu lil residenti jirreċċiklaw għal ġid ta' pajjiżna. |
| 23.03.17 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fid-19 ta' Novembru ser jiġi iżżelebrat Jum Bormla u s-sindku huwa mistieden sabiex jattendi għaċ-ċerimonja u jpoġġi fjuri fejn il-monument tal-gwerra ta' Bormla. |
| 23.03.18 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet agreement ta' Leasing ġdid dwar il-photocopier għaliex l-photocopier li hemm bħal issa għanda ħsarat li huma irreparabli li jissewew. L-Agreement ser jibqa' kif kien ta' qabel. |
| 23.03.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsillera preżenti li bagħtet id-dokumenti ta x'sar s'issa fil-Pjazza 4 ta Settembru, kif jitlesta ix-xogħol u jitħallas il-kuntrattur tibgħat kopja tal-pagamenti kollha iċ-ċertifikati mil-perit. |

| | |
|---|---|
| 23.03.20 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat it-tiġdied ta' Leasing Agreement sabiex tinbidel il-photocopier għaliex kellha ħsarat irreparabli. Il-Kunsilliera qablu ma dan il-kuntratt li bażikament kien bħal ta qabel dan. |
| 23.03.21 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju Eżekuttiv iltaqa' Mal-Perit Tom Valderen fejn ġie diskuss li l-kunsil jaqbel li jsir studja sabiex wieħed jara kif jista jitnaqas it-traffiku mil-lokalita' tagħna u b'hekk ikun hawn inqass tniġġiż fl-arja. |
| 23.03.22 | Is-Sindku ressaq imejl mibgħuta mill-Akl dwar Cir AKL 2020/126 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021 sabiex min mill-kunsilliera jixtieq jisieħeb u jixtieq li jżid xi membru tal-familja ma din il-polza jibgħat id-dettalji lis-segretaju eżekuttiv. Il-Kunsill ser iħallas il-polza għal kunsilliera u l-impjegati tal-kunsill, dawk li jixtiequ jżiedu membru familjari irridu jħallsu lil-kunsill kif hemm fuq l-imejl mibgħuta mill-Akl. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 23.03.24 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li fl-4 ta' Novembru bagħtet lis-sinj. Antonella Galea id-demarcation map sabiex tiġi inkluża fit-tender tad-dawl mar-Reġjun Xlokk. |
| **23.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **23.4.2** | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jien Corinne Buhagiar nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Clive,<br><br>Kif konna bqajna fuq bollards tar-rubber, jistgħu issiru fi Triq San Lawrenz k/m Triq is-Sur?<br><br>Grazzi<br><br>Iva l-kunsill jista jagħmel dawn il-bollards tar-rubber. |
| **23.5** | **Rapporti** |
| **21.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-rapport tal-Bagit 2021 lil kunsilliera kollha permezz tal-imejl. Is-Segrtaju Eżekuttiv stiednet lil Accountant tal-kunsill |

| | |
|---|---|
| | sabiex spjegat is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kunsill. Dan ir-rapport ġie approvat mis-Sur Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sinj. Graziella Gellel flimkien mas-sindku is-Sur Clive Pulis iffirmaw dan ir-rapport anness ma dawn il-minuti. |
| **23.5.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order u tal-Petty Cash* għax-xahar t' Ottubru 2020 fejn ġie approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **23.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 23.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 11/ 2020 għall-approvazzjoni. |
| 23.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **23.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 23.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-8:00p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Diċembru 2020 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 29 ta' Diċembru 2020

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv